MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 71/2004

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**Vs**
**A D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur huwa l-wild naturali tal-konvenut A D minn relazzjoni extramaritali li huwa kellu snin ilu ma' omm l-attur.

Peress illi mill-Att tat-twelid tal-attur jirrizulta illi fil-kolonna tal-"Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gew registrati l-

kelmiet: *“unknown father”* ossia “missier mhux maghruf” (Vide Dok. A).

Peress illi ghalkemm l-attur sejjah lill-konvenut A D sabiex jirrikonoxxih bhala ibnu naturali baqa’ inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onor Qorti m’ghandiex:

1. tiddikjara illi l-missier naturali tal-attur huwa il-konvenut A D; u

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attur huwa jikkancella l-kliem “unknown father” mill-kolonna tal-“isem u kunjom missier it-tarbija” u jissosstitwixxihom bil-kliem A D u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati tal-imsemmi A D.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut A D li biha eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fattwalment u ghandhom jigu respinti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici u necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tal-konvenut Jospeh D biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv.

3. Illi ghandha issir d-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-Avviz ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;[1]

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Dr.Renald Blundell minnu debitament mahlufa;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala l-wild naturali tal-konvenut A D.

Mill-provi jirrizulta li fiz-zmien tat-twelid ta' l-attur, il-konvenut li kien jiggestixxi hanut tax-xorb kellu relazzjoni extra maritali ma' C B, omm l-attur. Izda, ghalkemm dina dejjem affermat li l-konvenut kien il-missier naturali ta' l-attur, il-konvenut minn naha tieghu isostni li peress li f' dak iz-zmien C B kellha relazzjonijiet ma rgiel ohra wkoll, huwa qatt ma accetta li l-attur kien il-wild tieghu, peress li "l-missier naturali setgha facilment kienu persuni ohra rgiel li kienu jiffrekwentaw l-imsemmi Bar."[3]

Il-provi li ressaq l-attur minn naha l-ohra huma fis-sens li mit-twelid tieghu, l-konvenut kien accettah bhala ibnu u di fatti kien isejjahlu bin-nomenclatura ta' missier. C B, ommha u z-zija ta' l-attur, isostnu fl-affidavit taghhom li meta l-attur kien ghadu zghir huwa kien jmur jarah kuljum. Din tghid li l-konvenut kien accetta mill-ewwel li t-tarbija

[1] Fol.26
[2] Fol.34 *et seq.*
[3] Aff. Fol.42

kienet tieghu, u ghal kwazi teltt snin kien izur lill-attur kwazi kuljum u kien ukoll jaghtih rigali f' diversi okkazzjonijiet. Kien meta l-attur, allura tifel ta' tlettax il-sena, waqa' fil-vizzju tad-droga li l-konvenut qata' kull kuntatt mieghu.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma t-tesi attrici u cioe' li l-attur huwa l-wild naturali tal-konvenut; u din il-paternita' hija bazata fuq probabilita' ta' 99.968%.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija sostnuta mill-provi, u din timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddidkjara li l-missier naturali ta' l-attur huwa l-konvenut A D; u konsegwentement, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid ta' l-attur huwa jikkancella l-kliem "unknown father" mill-kolonna intestata "Isem u kunjoni missier it-tarbija" u jissostitwihom bil-kliem "A D" u t-taghrif "bin il-mejjet Carmelo, imwieled fil-25 ta' Novembru 1936 fil-Pieta' u residenti San Gwann."

L-ispejjez jkunu kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------